

Fl-aħħar nett, hija ssostni li l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali hija vvizzjata minn irregolaritajiet proċedurali. Pereżempju, diversi dokumenti li jikkorroboraw l-argumentazzjoni tal-appellant ma ġewx ikkunsidrati. Bl-istess mod, hija sempliċement injorat l-espożizzjoni u l-argumentazzjoni legali tal-Parlament Ewropew, li l-appellant kien irrepeta fit-talbiet tiegħu.

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, dwar mezzi mediċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 82)

## Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-140/14)

(2014/C 184/17)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Sanfrutos Cano u M. Žebre)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

### Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li r-Repubblika tas-Slovenja, peress li ma adottatx minn April 2009 miżuri suffiċjenti sabiex tipprevjeni u tneħħi il-ħażna ta' 13 600 m<sup>3</sup> ta' terrapien tat-tħaffir, li minnhom 7 605,73 m<sup>3</sup> jikklassifikaw bħala skart li jaqa' taħt n-numru 17 05 06 (materjal tat-tħaffir li ma jaqax taħt in-numru 17 05 05) u bejn wieħed u ieħor 6 000 m<sup>3</sup> jikklassifikaw bħala skart li jaqa' taħt in-numru 17 05 05\* (materjal tat-tħaffir li jinkludi sustanzi perikolużi), fil-post fejn qed isiru x-xogħlijiet ta' bini tal-infrastruttura komunali għaż-żona kummerċjali ta' Gaberje-jug, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 12, 13, 15(1), 17 u 36(1) tad-Direttiva 2008/98/KE (<sup>1</sup>), u tal-Artikoli 5(3)(e), 6 – flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE (<sup>2</sup>) – 7, 8, 9, 11 u 12 tad-Direttiva 1999/31/KE (<sup>3</sup>), kif ukoll tal-Annessi I, II, III ta' din tal-aħħar;
- tiddikjara li r-Repubblika tas-Slovenja, meta awtorizzat il-ħażna tat-terrapien tat-tħaffir – jiġifieri attività li tkopri ġbir ta' skart – fuq il-biċċa ta' art Nru 115/1 fil-katast tal-muniċipalità ta' Teharje, mingħajr ma tat garanzija li f'dan il-post ma kienx preċedentement jew fl-istess ħin ġie maħżun skart ieħor, u mingħajr ma adottat miżuri għat-tneħħija tal-iskart li ma għandux permess li jitpoġġa f'dan il-post, li jikkwalifika bħala radam illegali, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 13 u 36(1) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, u tal-Artikoli 5(3)(e), 6 – flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE – 7, 8, 9, 11 u 12 tad-Direttiva 1999/31/KE, kif ukoll tal-Annessi I, II, III ta' din tal-aħħar;
- tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-Repubblika tas-Slovenja, billi ma adottatx minn April 2009 miżuri suffiċjenti sabiex tipprevjeni u tneħħi l-ħażna ta' 13 600 m<sup>3</sup> ta' art tat-tħaffir, li minnhom 7 605,73 m<sup>3</sup> jikklassifikaw bħala skart li jaqa' taħt n-numru 170 506 (materjal tat-tħaffir li ma jaqax taħt in-numru 170 505) u bejn wieħed u ieħor 6 000 m<sup>3</sup> jikklassifikaw bħala skart li jaqa' taħt in-numru 170 505\* (materjal tat-tħaffir li jinkludi sustanzi perikolużi), fil-post fejn qed isiru x-xogħlijiet ta' bini tal-infrastruttura komunali għaż-żona kummerċjali ta' Gaberje-jug, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 12, 13, 15(1), 17 u 36(1) tad-Direttiva 2008/98/KE, u tal-Artikoli 5(3)(e), 6 – flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE – 7, 8, 9, 11 u 12 tad-Direttiva 1999/31/KE, kif ukoll tal-Annessi I, II, III ta' din tal-aħħar. Barra minn hekk, ir-Repubblika tas-Slovenja, meta awtorizzat il-ħażna tal-art tat-tħaffir – jiġifieri attività li tkopri ġbir ta' skart – fuq il-biċċa ta' art Nru 115/1 tal-katast fil-muniċipalità ta' Teharje, mingħajr ma tat garanzija li f'dan il-post ma kienx preċedentement jew fl-istess ħin inħażen skart ieħor, u mingħajr ma adottat miżuri għat-tneħħija tal-iskart li ma għandux permess li jitpoġġa f'dan il-post, li jikkwalifika bħala radam illegali, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 13 u 36(1) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart, u tal-Artikoli 5(3)(e), 6 – flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE – 7, 8, 9, 11 u 12 tad-Direttiva 1999/31/KE, kif ukoll tal-Annessi I, II, III ta' din tal-aħħar.

(<sup>1</sup>) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

(<sup>2</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 314.

(<sup>3</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 228.